MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 347/1997/2

**Medcast Foundary Ltd**

**v.**

**Korporazzjoni ta' l-Izvilupp,**
**Group 4 Securitas (Malta) Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Frar, 1997 s-socjeta` attrici ppremettiet li hija kienet tikri fabbrika f'Ricasoli, proprjeta` tal-

Korporazzjoni konvenuta; illi l-Korporazzjoni konvenuta, minhabba kwistjonijiet kontenzjuzi, kienet qabdet u assumiet temporanjament il-pussess tal-fabbrika de quo u inkarigat lis-socjeta` konvenuta l-ohra, Group 4 Securitas Ltd biex jiehdu hsieb il-fabbrika; illi meta finalment is-socjeta` attrici regghat assumiet il-pussess tal-fabbrika de quo sabet bosta affarijiet nieqsa, kif ahjar deskritti fl-anness prospett Dok A u in effetti rrizulta li kienet saret serqa; illi minhabba f'dan is-socjeta` attrici sofriet danni konsiderevoli; illi ghandhom jirrispondu ghal dawn id-danni jew il-Korporazzjoni konvenuta stante li kienet tenuta kont li tiehu hsieb l-affarijiet bhala *bonus pater familias* u s-socjeta` konvenuta Group 4 Securitas Ltd hi responsabbli ghax kellha tiehu hsieb is-sigurta ta' l-istess fabbrika; dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara li s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom ghandhom jaghmlu tajjeb ghad-danni li sofriet is-socjeta` attrici u dan minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tas-socjetajiet konvenuti meta naqsu li jiehdu hsieb il-proprjetajiet tas-socjeta` attrici u saret serqa mill-fabbrika *de quo;*
2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici;
3. Tikkundanna lis-socjetajiet` konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittri ufficjali u bonarji u l-imghax u l-socjetajiet konvenuti ngunti in subizzjoni.

B'nota pprezentata fis-17 ta' Dicembru, 1997 il-Korporazzjoni konvenuta eccepiet:-

Illi, in linea preliminari, l-Korporazzjoni konvenuta giet citata hazin. Difatti il-"Korporazzjoni ta' l-Isvilupp Group 4 Securitas Ltd" jindikaw socjeta` wahda u mhux tnejn, u sekondarjament "Korporazzjoni ta' l-Isvilupp" ma tezistix u se mai l-isem korrett u skond il-ligi kellu jkun "Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta" jew "Malta Development Corporation".

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ic-citazzjoni attrici hija nulla stante li d-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni mhiex guramentata mill-persuna fizika li ghandha r-rapprezentanza legali tas-socjeta` attrici. Huwa ovvju li persuna legali ma tistax tiehu gurament, izda dan trid taghmlu tramite l-persuna fizika li tirraprezentaha legalment.

Illi oltre dan, din il-Onorabbli Qorti mhiex kompetenti sabiex tisma' din il-kawza, stante li permezz ta' ittra datata 19 ta' Gunju, 1997 l-attur kien irriduca t-talba tieghu ghal tpacija ma' kont ta' LM500.

Illi, fil-mertu, ghandu jigi rilevat li l-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta kienet assumiet il-pussess u hadet ir-responsabbilita` tal-fabrika fil-qasam industrijali tar-Rikasoli u mhux l-effetti mobbli ta' go fiha. Kienet is-socjeta` attrici li halliet dawn l-effetti mobbli gewwa l-fabbrika minhabba l-azzjoni ta' spoll li kienet qed tivvanta. Dawn l-effetti mobbli setghu jigu liberament irtirati mill-attur, tant hu hekk li fl-istqarrija rilaxxjata lill-Pulizija minn Maurice Vassallo fl-14 ta' Awissu 1995 dan jghid li "meta riedna niehdu xi haga konna nghidu lilhom u kienu jigu jifthulna …" (Dok "B" annessa mac-citazzjoni attrici). Huwa evidenti li r-riskju ghar-rigward ta' dawn l-effetti mobbli baqa' jinkombi fuq is-socjeta` attrici peress li dawn l-effetti mobbli thallew fil-fabbrika 'il ghaliex hekk kien jaqbel u hekk iddecidiet li taghmel l-istess socjeta` attrici. Galadarba s-socjeta` attrici dehrilha li kien fl-ahjar interess taghha li thalli l-effetti mobbli fil-fabbrika in kwistjoni, kien imissha kopriet ir-riskju permezz ta' polza ta' sigurta`.

Illi fi kwalsiasi kaz l-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili jipprovdi li "kull hsara jew accident (recte: "kull hsara li tigri b'accident) jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa fil-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara".

Illi inoltre permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli datat 14 ta' Gunju, 1995 (kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok "AT1"), is-socjeta` attrici irrinunzjat ghal kull dritt ta' azzjoni ghal risarciment

ta’ danni li seta’ kellha kontra l-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta’ Malta u l-impjegati u agenti taghha, inkluz il-Group 4 Securitas Ltd, ghal eventwalitajiet kollha li setghu graw qabel gie konkluz l-imsemmi kuntratt. Kull pretensjoni, fondata jew le, li s-socjeta` Medcast Foundry Limited seta’ kellha kontra l-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta’ Malta u jew l-agenti w l-impjegati taghha giet saldata bl-imsemmi kuntratt ta’ transazzjoni. Is-socjeta` attrici ma tistax tqanqal kwistjonijiet antecedenti ghal din it-transazzjoni u l-argument li ma kinitx taf bis-serqa allegata ma jregix stante li s-socjeta` attrici logikament kellha taghmel il-verifiki necessarji qabel ir-rinunzja ghad-danni u mhux wara.

Illi finalment it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta` attrici trid tipprova u mhux semplicement tallega li sofriet danni u li dawn id-danni gew kagjonati mill-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta’ Malta u l-impjegati u agenti taghha, inklzu il-Grupp 4 Securitas Limited. Is-socjeta` attrici trid tipprova li l-oggetti in kwistjoni kienu jezistu qabel tipprova li dawn naqqsu. Meta kien sar l-arrangament li s-socjeta` attrici tirtira l-effti mobbli skond il-htiega, sar inventarju ta’ dak li tnehha u ta’ dak li baqa’ fil-fabbrika?

B’nota pprezentata fit-12 ta’ Marzu, 1998 s-socjeta` Group 4 Securitas Limited eccepiet:-

1. illi preliminarjament hemm lok ghall-korrezzjoni stante illi l-isem tas-socjeta` eccipjenti huwa Group 4 Securitas (Malta) Limited u mhux Group 4 Securitas Ltd kif indikat mis-socjeta` attrici.
2. Illi s-socjeta` attrici (recte: konvenuta) m’hijiex il-legittimu kontradittur stante li ma kellha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici.
3. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` eccipjenti m’hijiex responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici stante li dawn ma gewx kawzati minnha u ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` eccipjenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza moghtija fil-31 ta' Mejju, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi laqghat l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici u dana wara li qalet hekk:
"Il-konvenuti ressqu diversi eccezzjonijiet fosthom fejn qed jghidu li skond it-transazzjoni li saret bejn il-partijiet (ara fol 24 klawsola 23) is-socjeta` attrici rrinunzjat ghal kull dritt ta' azzjoni ghal risarciment ta' danni li seta' kellha kontra l-konvenuti. Maurice Vassalo pero` spjega fix-xhieda tieghu a fol. 44 b'riferenza ghal dina l-klawsola li hu kien ghamel kawza ta' spoll u fil-kuntratt li kien iffirma a fol. 16 hu kien qed jirrinunzja biss ghad-danni li kien hemm fil-kawza ta' spoll, cjoe` ghal *loss of business,* u mhux ghall-affarijiet li wara skopra li kienu insterqu. Meta hu iffirma l-kuntratt ma kienx jaf u lanqas setgha jkun jaf, ghax ma kellux pussess tal-fabbrika, li kienu nsterqu xi affarijiet mill-fabbrika.

"L-atturi qed jippretendu li la darba dawn l-oggetti naqsu mill-fabbrika meta dina kienet fil-pussess tal-Korporazzjoni ta' l-Izvilupp u tal-Group 4 dawn ghandhom jaghmlu tajjeb ghall- valur taghhom.

"Il-Korporazzjoni ghal Zvilupp qed tikkontendi li hi kienet assumiet il-pussess u hadet ir-responsabbilita` tal-fabbrika fil-qasam industrjali tar-Rikasoli u mhux ta' l-effetti mobbli ta' go fiha. Kienet is-socjeta` attrici li halliet dawn l-effetti mobbli gewwa l-fabbrika minhabba l-azzjoni ta' spoll li kienet qed tivvanta u dawn l-effetti mobbli setghu jigu liberament irtirati mill-atturi.

"L-atturi qed jibbazaw l-azzjoni taghhom ghad-danni minhabba l-fatt li meta grat l-allegata serqa l-fabbrika kienet fil-pussess tal-konvenuti.

"Fil-kaz in ezami pero` ma jikkonkorrux l-elementi essenzjali biex jiffigura l-kuntratt ta' depozitu *ut sic*. Biex ikun hemm din il-figura guridika "jrid ikun hemm il-konsenja ta' l-oggett mid-depozitarju u jehtieg li dan jircievi dak l-oggett u jobbliga ruhu li jikkustodih gratuwitament u jikkonsenjah in natura fuq semplici

rikjesta li min huwa intitolat jirtirah minn ghandu ghaliex id-depozitu huwa kuntratt reali li jigi perfezzjonat bit-tradizzjoni tal-haga l-oggett tad-depozitu. Meta ma jokkorrux dawn l-elementi ma hemmx depozitu u l-persuna li ghandha jigi pretiz li gie depozitat l-oggett ma hiex responsabbli ghad-danni jekk dak l-oggett jigi nieqes mill-post fejn hallih sidu.” (Vol XXXVII.ii.718) u subinciz (1) ta’ l-Artikolu 1893 tal-Kap. 16).

“Kien proprio minhabba dan l-element essenzjali tat-*traditio* ta’ l-oggett minghand id-depozitant lid-depozitarju illi “d-depozitarju huwa obbligat juza fil-kustodja ta’ l-oggetti depozitati ghandu bl-istess diligenza li huwa juza fil-kustodja ta’ hwejgu. Dan il-principju hu applikat bl-aktar rigur meta d-depozitu huwa salarjat milli meta jkun maghmul gratuwitament u fuq bazi ta’ hbiberija.” (Vol LXXXI.ii.149).

“Issa fil-fatti in kawza, l-Korporazzjoni kienet regghet hadet pussess tal-fabbrika, imma l-affarijiet ta’ l-atturi baqghu fil-fabbrika mhux ghax il-Korporazzjoni riedet izzommhom hemm, imma ghax l-atturi ddecidew li hallewhom hemm. Il-Korporazzjoni m’assumiet ebda responsabbilita` ghall-oggetti li kien hemm gewwa l-fabbrika u l-atturi kienu liberi li meta riedu setghu jiehdu l-affarijiet wara li jghidu lil tal-Group 4 kif fil-fatt kienu jaghmlu.

“Il-konvenuti ghalhekk ma jistghux ikunu responsabbli bhal ma depozitarju huwa responsabbli ghall-kustodja ta’ l-oggetti depozitati ghandu, imma jistghu jkunu responsabbli biss ghal danni jekk jigi provat illi tali telf ikun sehh bhala konsegwenza ta’ xi nuqqas ta’ ommissjoni jew kommissjoni li jipprovokawh huma u dana bl-applikazzjoni tal-principju generali ta’ dritt li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu (Artikolu 1031). Dan it-telf jew serq irid ikun sehh minhabba kawza prossima u mmedjata addebitabbli ghas-socjetajiet konvenuti.

“Fil-kaz in ezami l-konvenuti ma kkommettew ebda htija fis-sens illi ghamlu xi haga jew naqsu milli jaghmlu xi haga u b’hekk kisru xi dmir impost mil-ligi. Il-konvenuti hadu l-

kura mehtiega biex ma ssirx hsara fil-fabbrika. Meta l-konvenuti rega' hadu pussess tal-fabbrika huma qabbdu lis-socjeta` konvenuta l-ohra Group 4 biex tiehu hsieb il-fabbrika u kif qal l-istess Maurice Vassallo "ahna kellna mohhna mistrieh ghax kien hemm tal-Group 4". Minn naha l-ohra pero` l-atturi ghalkemm kienu jafu li kellhom l-affarijiet gol fabbrika u li l-fabbrika kienet ser tibqa' maghluqa fit-tul, baqghu ma hargux assikurazzjoni biex jigu koperti f'kaz ta' xi serq u accident iehor.

"Mill-provi prodotti (ara stqarrija u xhieda ta' Vassallo) jirrizulta li f'dan il-perjodu, meta l-atturi kienu qed jiehdu affarijiet mill-fabbrika, huma kienu flimkien mal-konvenuti ghamlu inventarju ta' l-affarijiet li kien hemm fil-fabbrika u dak iz-zmien kollox kien sewwa.

"Jigi rilevat ukoll li s-socjeta` attrici ppresentat lista ta' oggetti li tallega li gew nieqsa, imma ma gabitx prova (ez inventarju) ta' l-oggetti li kienu jezistu qabel ma sar l-allegat serq. Il-Pulizija ma rnexxiliex tistabilixxi meta sar l-allegat serq.

"Illi ghalhekk it-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha."

**L-appell tas-socjeta` attrici.**

Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors ipprezentat fl-20 ta' Gunju, 2002, interponiet appell minnha fejn talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti thasar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza imsemmija u konsegwentment tilqa' t-talbiet taghha bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

Mill-mod kif inhu redatt r-rikors ta' l-appell jidher li s-socjeta` konvenuta appellanti ressqet principalment aggravju wiehed ghas-sentenza appellata fis-sens li t-talbiet attrici ma kellhomx jigu michuda "*minhabba illi ma jiffigurax il-kuntratt ta' depositu*" inkwantu, skond is-socjeta` appellanti, tali relazzjoni qatt ma kienet tezisti u dan l-istitut huwa irrilevanti ghal kaz billi l-ewwel qorti kellha tiddetermina l-kwistjoni a bazi tal-principji li

jirregolaw il-pussess u gia la darba kien hemm il-*mala fidi* fil-pussessor dan jidhol responsabbli ghad-danni kollha rizultanti kemm-il darba ma jipprovax li dik il-haga kienet xorta wahda tispicca jew titgharraq li kieku kienet f'idejn sidha u dan a tenur ta' l-Artikolu 557 tal-Kap. 16.

Ir-risposta tal-Korporazzjoni konvenuta hija indirizzata lejn il-kwistjoni tan-natura tal-pussess taghha billi qed jinghad li dan il-pussess gie akkwistat in forza tal-provvedimenti tal-ligi u li, konsegwentement, ma hemm ebda mala fidi.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

Kif sewwa jinghad fis-sentenza appellata l-istitut ta' *depozitu* jehtieg il-kunsens tal-kontrajenti billi parti volontarjament tikkonsenja l-haga mertu tad-depozitu mentri l-parti l-ohra, filwaqt li tirveci l-haga, tobbliga ruhha li tikkustodiha u li troddha lura fl-istess stat. Mill-provi prodotti ma jirrizultax l-ezistenza ta' tali kuntratt, anzi, jirrizulta l-oppost billi r-ripreza tal-fabbrika mill-Korporazzjoni konvenuta kienet kontra l-volonta` tas-socjeta` attrici li effettivament istitwit proceduri ta' spoll fir-rigward. Dan premess, jidher li kienet korretta l-ewwel qorti meta waslet ghal konkluzzjoni li ma kienx hemm depozitu u li, konsegwentement ma kienux applikabbli l-principji li jirregolaw dan l-istitut. Biss fil-fehma ta' din il-Qorti dawn il-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti, dwar l-ezistenza o meno tal-kuntratt ta' depozitu, kienu kollha superfluwi u mhux mehtiega. Infatti jidher li l-ewwel Qorti irrikonoxxiet *a priori* l-vera posizzjoni legali prospettata mis-socjeta` attrici meta qalet li "*L-atturi qed jibbazaw l-azzjoni taghhom ghad-danni minhabba l-fatt li meta grat l-allegata serqa l-fabbrika kienet fil-pussess tal-konvenuti*". Din l-asserzjoni teskludi kull konsiderazzjoni ohra ta' natura legali, bhal ma kienet dik li ghamlet l-ewwel Qorti fir-rigward ta' l-istitut ta' depozitu, u ghalhekk kien mistenni li dik il-Qorti tillimita ruhha ghall-ezami tad-divergenza limitatament mill-aspett tal-pussess u konsegwentement ir-responsabbilitajiet tal-kontendenti naxxenti minn tali sitwazzjoni.

Jidher, pero`, li wara li l-ewwel Qorti skartat l-ezistenza tal-kuntratt ta' depozitu ghaddiet biex tezamina t-talba attrici mill-aspett tal-principji generali ta' l-obbligazzjoni billi ccitat dak li jiddisponi l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili fejn jinghad li "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*". L-ewwel Qorti izda waslet ghal konkluzzjoni li l-Korporazzjoni konvenuta u sahansitra s-socjeta` Group 4, "*ma kkommettew ebda htija fis-sens illi ghamlu xi haga jew naqsu milli jaghmlu xi haga u b'hekk kisru xi dmir impost mill-ligi.*" Din il-konkluzzjoni hija msejsa fuq zewg konsiderazzjonijiet u cioe` li da parti tal-Korporazzjoni konvenuta din ghamlet hilitha biex tiehu hsieb l-effetti mobbli tas-socjeta` attrici billi inkarigat lil Group 4 li kienu ben visti mis-socjeta` attrici. U da parti tas-socjeta` attrici billi din naqset milli tohrog l-effetti mobbli mill-fabbrika, haga li kienet fil-liberta` li taghmel, meta kienet taf li din il-fabbrika kienet ser tibqa' maghluqa ghal zmien konsiderevoli.

Issa l-appell tas-socjeta` attrici jintroduci aspett kompletament differenti fid-dibattitu. Infatti qed jinghad li l-Korporazzjoni konvenuta hija responsabbli ghan-nuqqasijiet li rrizultaw fl-effetti proprjeta` tas-socjeta` attrici nkwantu l-pussess tal-Korporazzjoni kien wiehed in mala fidi. F'dan il-kuntest qed jinghad li, a tenur ta' l-Artikolu 557 tal-Kodici, dan it-tip ta' pussess, jobbliga lill-pussessur "*ukoll ghall-hsarat li jigru b'eghmilu, kif ukoll ghal dawk li jigru b'accident kemm-il darba, ikun liema jkun il-mod li bih ha l-pussess tal-haga, ma jipprovax li dik il-haga kienet xorta wahda tispicca jew titgharraq li kieku kienet f'idejn sidha.*"

L-argument tas-socjeta` attrici huwa bazat fl-ewwel lok fuq ix-xhieda, mhux kontestata, ta' Maurice Vassallo li jghid li l-Korporazzjoni konvenuta hadet pussess tal-fabbrika f'Ricasoli permezz ta' sgass bl-assitenza tas-socjeta` Group 4 u dana meta hija kellha titolu ta' kera fuq l-istess fabbrika. Fit-tieni lok qed jinghad li l-istess kuntratt ta' enfiteusi temporanja (tat-tieni fabbrika f'Hal Far) u transazzjoni tal-14 ta' Gunju, 1995 (fol 16 *et seq* tal-process) huwa indikattiv tal-mala fidi tal-Korporazzjoni billi din "*intrabtet li thallas l-ispejjez ta' rilokazzjoni kif ukoll*

*intrabtet li tibni struttura tal-hadid ghal overhead travelling crane.*" (ara rikors ta' appell). Liema overhead travelling crane kien, skond ix-xhud Vassallo, id-dizgwid li inqala' bejn is-socjeta` attrici u l-Korporazzjoni li eventwalment wassal lill-Korporazzjoni terga' tiehu pussess ta' l-ewwel fabbrika tas-socjeta` attrici li fiha kien hemm l-oggetti li nsterqu.

Is-socjeta` appellanti ghalhekk qed issostni li, salv prova li tispetta lill-Korporazzjoni li "*dik il-haga kienet xorta wahda tispicca jew titgharraq li kieku kienet f'idejn sidha"* (liema prova, skond l-appellanti, ma saritx) l-istess Korporazzjoni ghandha tigi mizmuma responsabbli ghan-nuqqasijiet lamentati.

Il-Korporazzjoni konvenuta appellata qed tilqa' ghal dawn l-aggravji tas-socjeta` attrici billi qedha tghid li l-koncett ta' "*strict liability*" kontemplat fl-Artikolu 557 mhux applikabbli ghal kaz in ezami inkwantu l-pussess tal-fabbrika ittiehed minnha a tenur tal-ligi u senjatament l-Artikolu 3(1) tal-Kap 228 tal-Ligijiet ta' Malta u billi, fi kwalunkwe kaz, l-*eviction order* nhareg mic-Chairman tal-Korporazzjoni appellata ai termini ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet. Mandankollu jidher li l-Artikolu 3(1) citat mill-istess Korporazzjoni jitkellem dwar id-dritt tal-Kummissarju meta fil-fehma tieghu jkun "*mehtieg jew spedjenti"* li jordna "*l-izgumbrament ta' kull persuna minn kull art li tkun okkupata minn dik il-persuna <u>minghajr ebda titolu</u> jew li tkun moghtija b'encroachment u t-tnehhija minn hemm ta' kull oggetti mobbli …."*

Fil-kaz in ezami jirrizulta mix-xhieda, mhux kontradetta, tad-direttur tas-socjeta` attrici li din kellha titolu ta' lokazzjoni fuq il-fabbrika de quo. Isegwi li l-Artikolu 3(1) tal-Kap 228 hawn fuq imsemmi mhux rilevanti billi id-dritt hemm moghti lill-Kummissarju ta' l-Artijiet ghall-izgumbrament ta' kull persuna minn kull art huwa (jew ghall-anqas <u>kien</u> fiz-zmien relevanti ghal din il-kawza) limitat ghal meta tali okkupazzoni tkun bla "ebda titolu". Dan id-dritt ghalhekk ma japplikax meta jirrizulta, bhal fil-kaz in ezami, titolu validu. Dan apparti mill-fatt li l-Korporazzjoni konvenuta ma ressqet ebda prova dwar ir-

raguni vera lghala hija hadet pussess tal-fabbrika in kwistjoni. F'dan is-sens ghalhekk is-sottomissjoni tas-socjeta` appellanti jista' jkollha certa fondament billi ma jirrizultax li t-tehid tal-pussess tal-fabbrika da parti tal-Korporazzjoni konvenuta minghand is-socjeta` attrici kien gustifikat taht l-Artikolu citat mill-istess Korporazzjoni konvenuta appellata.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-Artikolu 557 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li l-pussessur ta' mala fidi hu obbligat ukoll ghall-hsarat li jigru mhux biss b'ghemilu izda wkoll dawk li jigru b'accident. Is-socjeta` appellanti qed isostni li l-Korporazzjoni konvenuta, in kwantu pussessur ta' mala fidi, hija responsabbli ghan-nuqqasijiet rizultanti minn serq in forza ta' dak li jiddisponi dan l-Artikolu. Dan l-Artikolu jattribwixxi responsabbilita` lill-pussessur ta' mala fidi meta l-hsara tirrizulta ukoll bhala konsegwenza ta' **accident,** izda fil-kaz in ezami l-hsara lamentata kienet kawzata mhux b'accident izda b'konsegwenza ta' serqa. Serqa certament ma hijiex komparabbli ghall-accident. Accident jippresupponi xi nuqqas da parti tal-pussessur, mentri, kif gia rajna, id-direttur tas-socjeta` attrici jghid li "*Ahna kellna mohhna mistrieh ghax kien hemm il-Group 4*". Cioe` il-Korporazzjoni konvenuta kienet ghamlet dak kollu li setghet biex tevita li ssir hsara. Serqa pero` ghandha minn forza magguri li, sakemm ma jigiex pruvat li din kienet kawzata minn xi nuqqas tal-pussessur, fatt dan eskluz ukoll mid-dikjarazzjoni tad-direttur tas-socjeta` attrici fir-rigward tal-presenza tal-Group 4, dik il-hsara hekk kagunata ibatiha "*dak li fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara.*" (Art. 1029 Kap. 16).

Dan kollu pero` qed jinghad in forma ta' kumment u ma ghandu ebda rilevanza ghad-determinazzjoni tal-vertenza bejn il-kontendenti fil-proceduri kif proposti billi l-aggravju hekk propost, msejjes fuq aspetti ta' mala fidi, ma huwiex, u qatt ma kien, jifforma parti mill-ilment tas-socjeta` attrici. Infatti minn qari akkurat tac-citazzjoni attrici jirrizulta li t-talba ghad-dikjarazzjoni ta' responsabbilita` hija ibbazata limitatament fuq aspetti ta' negligenza da parti tas-

socjetajiet konvenuti.  Tant hu hekk li fl-ewwel talba tac-citazzjoni attrici jinghad hekk:
“Tiddikjara li s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, ghandhom jaghmlu tajjeb ghad-danni li sofriet is-socjeta` attrici u dana minhabba <u>negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti</u> da parti tas-socjetajiet konvenuti meta naqsu li jiehdu hsieb il-proprjetajiet tas-socjeta` attrici u saret serqa mill-fabbrika *de quo*” (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Ghalhekk fl-att promotur ma kien qed jigi attribwit ebda mala fidi da parti tal-Korporazzjoni konvenuta jew da parti tas-socjeta` Group 4 u ghalhekk dak li qed jigi sottomess mis-socjeta` appellanti fir-rikors ta’ l-appell rigwardanti l-obbligi naxxenti minn possessur in mala fidi a tenur ta’ l-Artikolu 557 tal-Kodici Civili ma jistax jigi kkunsidrat ghad-determinazzjoni tal-vertenza.

Illi la darba s-socjeta` attrici qeghda tippromwovi din l-azzjoni fuq bazi ta’ negligenza da parti tas-socjetajiet konvenuti kien mistenni li s- socjeta` attrici tressaq prova in sostenn ta’ din l-allegazzjoni.  Izda mill-provi prodotti din il-prova ma tirrizultax, la fil-konfront tal-Korporazzjoni konvenuta li, kif gja rajna, hadet dawk il-prekawzjonijiet kollha mehtiega biex thares l-effetti tas-socjeta` attrici billi nkarigat l-Group 4 u lanqas fil-konfront ta’ l-istess Group 4 billi, fil-konfront ta’ din is-socjeta`, sahansitra mhux qed jigi attribwit xi nuqqas.  Anzi kif gja nghad hawn fuq, is-socjeta` attrici ddikjarat ruhha sodisfatta bil presenza tal-Group 4.   Dan apparti li s-socjeta` attrici kienet fil-liberta` li tohrog l-effetti mobbili mill-fabbrika, haga li ma ghamlitx, u b’hekk halliet l-istess effetti esposti ghal perikolu tas-serq.

**Ikkunsidrat:**

Illi sussidjarjament is-socjeta` appellanti wkoll hassitha aggravata bid-dikjarazzjoni ta’ l-ewwel Qorti meta qalet li ma kienx hemm prova tas-serqa billi ma kienx hemm prova ta’ l-ezistenza ta’ l-oggetti reklamati bhala misruqa.

F’dan ir-rigward din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel qorti kienet kompletament korretta meta irrilevat li tonqos il-prova ta’ l-oggetti li kienu jezistu qabel ma sar l-allegat serq. Is-socjeta` attrici ma tistax tirreklama l-valur ta’ effetti allegatament zmarriti jekk ma tippuvax li dawn kienu jezistu fil-fond qabel is-serqa. Dan setghet taghmlu facilment billi, kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni li saret fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ Bormla minn Maurice Vassallo, kien sar inventarju ta’ l-effetti mobbli kollha li kien hemm fil-fabbrika u dana fil-presenza ta’ l-avukat tas-socjeta` attrici u ta’ l-avukat tal-Korporazzjoni konvenuta. Barra minn hekk kull darba li rappresentanti tas-socjeta` attrici kienu jiehdu xi haga mill-fabbrika dan kien jigi nnotat mill-membri tal-Group 4. Ghalhekk s-socjeta` attrici setghet pprezentat kopja ta’ l-inventarju u prova ta’ dak li hadet biex turi li l-effetti allegatament misruqa kienu jezistu fil-fabbrika dakinhar li sar l-inventarju u ma kienux ittiehdu minnhom kif inghad fuq.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-aggravi tas-socjeta` appellanti qed jigi michuda u konsegwentement it-talba attrici ma tistax tigi akkolta.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell qed jigi michud bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------